ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 24 IT-TNEJN, 9 TA' JANNAR 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier (attenda fis-7.10pm)
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**24/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**24/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Robert Cremona li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

.

**24/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 23**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 23 li nżammet nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone issekondat l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 23 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**24/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**24/03/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li x-xogħlijiet fuq it-tisbiħ ta' Triq San Pietru waslu lejn l-aħħar u għaldaqstant ġiet iffissata d-data tal-inawgurazzjoni li hija l-5 ta' Frar 2017 fil-10.00am. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

**24/03/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** saqsiet lill-Kunsillier Marvin Zammit biex jagħti aktar dettalji dwar it-talba biex titressaq pedestrian crossing fi Triq Ħal Luqa. Il-Kunsillier Marvin Zammit spjega li jrid jerġa jikkonsulta mar-residenti.

**24/03/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-librerija lokali ta' San Ġorġ se tibda tiftaħ nhar ta' Sibt filgħodu u nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn l-4.00pm u s-6.30pm. Dawn il-ħinijiet il-ġodda se jibdew wara li l-librara tkun ingħatat it-taħriġ meħtieġ fi Frar. Intant is-Sindku Rosianne Cutajar laqgħet il-proposta tal-Kunsillier Josef Aquilina biex jinxtara

l-ktieb li għadu kif ġie ppubblikat dwar il-kappelli f'Ħal Qormi, għaż-żewġ libreriji lokali. Il-Kunsill approva.

**24/03/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara fil-laqgħa preċedenti infurmat biex jitressqu nomini għall-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fejn kien hemm nomina waħda ta' Mattea Sghendo. Il-Kunsill approva unanimament din il-ħatra ta' Mattea Sghendo bħala l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ sal-età ta' tmintax-il sena.

**24/03/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-kont tad-dawl tal-istatwa ta' San Ġorġ qegħda fuq il-Knisja Arċipretali, meta d-dawl huwa amministrat mill-Kunsill u għaldaqstant għandu jsir it-trasferiment tal-kont tad-dawl fuq il-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament.

**24/03/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett tal-Kunsill Let's Learn ġie magħżul mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn se tingħata s-somma ta' Eur3,000 biex jiġi ffinanzjat dan il-proġett. Il-proġett jikkonsisti f'programm ta' "after school programme" għajnuna lill-adoloxxenti f'suġġetti li jsibu diffikultajiet fl-iskola.

**24/03/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet kwotazzjoni mingħand l-ELC dwar tħawwil ta' siġar fi Triq Ġuze Cardona sabiex ir-residenti ta' din it-triq ikollhom ilqugħ mit-tniġġiż tal-arja permezz tas-siġar. Il-**Kunsillier Ralph Puli** laqa' b'sodisfazzjoni li se jsir dan ix-xogħol peress li kien ressaq din it-talba ftit xhur ilu. Il-Kunsill approva unanimament.

**24/03/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** issuġġeriet sabiex fuq proposta tal-**Kunsillier Josef Aquilina**, issir laqgħa formali mal-Arċirpiet il-ġdid Dun Mario Mangion proprju qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament.

**24/03/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet rapporti dwar talbiet minn żewġ sewwieqa dwar danni li soffrew minħabba ħofor fit-toroq. Il-Kunsill approva. **DOK 'A1-2'**

**24/04** **MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

**24/04/01** **Ma kienx hemm mistoqsijiet mressqa mill-Kunsilliera.**

**24/05** **RAPPORTI**

**24/05/01** **ABBOZZ TAS-SEJĦA TAL-OFFERTI: *PARKING MANAGEMENT SYSTEM INCLUDING PARKING AVAILABILITY SENSORS, ĦAL QORMI***

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq id-dokument bħala abbozz tas-sejħa tal-offerti għal Parking Management System including Parking Availability Sensors, Ħal Qormi.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova l-abbozz u joħroġ is-sejħa tal-offerti.

**DOK 'B'**

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**24/06** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHA TA' KUMITATI U/JEW SOTTO-KUMITATI 2016**

**Is-Segretarju Ezekuttiv** ressaq ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill, l-Estimi Annwali 2017 approvat mill-Kumitat tal-Finanzi.

**DOK 'C'**

**Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport sabiex jitressaq fil-Laqgħa Annwali tal-Lokalità filwaqt li se jerġa jitpoġġa fuq il-mejda fil-laqgħa li jmiss għall-approvazzjoni finali wara xi modifiki eventwali li jirriżultaw mill-Laqgħa Annwali tal-Lokalità.**

**24/07** **APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U L-IMPJEGATI**

**24/07/01** Wara diskussjoni dwar il-*performance* tal-impjegati, is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni.

*"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-performance bonus;*

*U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-*

*Bonus*

a. *m'għandux ikun iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta' l-impjegati;*

*U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda fir-rapporti mressqa tal-Performance Appraisals, li l-impjegati għandhom jingħataw il-performance bonus kif imsemmi 'l fuq;*

*Qed jiġi riżolt li l-impjegati tal-Kunsilli jitħallsu l-ammont tal-Performance Bonus skont il-persentaġġ kif jidher fir-rapport bl-appraisals ippreżentanti fuq il-mejda;*

*U billi fl-opinjoni tiegħi, s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata l-massimu tal-performance bonus ta' 10% skont l-appraisal ippreżentat fuq il-mejda;*

**Il-Kunsilliera kollha preżenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jħallas il-performance bonus lill-impjegati. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv l-appraisal irid jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.**

**DOK 'D 1-7'**

## 24/08 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2016

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'D1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru 2016
**b)** *Bank Payments* Diċembru 2016
**c)** *Petty Cash* Diċembru 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa’** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**24/09 MOZZJONIJIET**

**24/09/01 MOZZJONI 44/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta’ madwar Euro €3000 sabiex tiġi organizzata sfilata tal-Karnival nhar il-Gimgha 24 ta’ Frar 2017 fis-7pm, u jsir fi Triq San Sebastjan.

Il-programm jikkonsisti permezz ta’ sfilata minn Mass band magħmula mit-tlett Baned : il-Banda tas-Soċjeta Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan, il-banda tal-Anici u l-banda San Ġorġ Martri.

Din l-isfilata tikkonsisti f’daqq ta’ marci ferrieha mit-tliet baned qriema u sfilata minn maskaruni. Wara tinzamm serata ta’ kant u zfin minn bosta kumpaniji taz-zfin.

Il-koordinatur ta’ din l-attivita’ huwa s-Sur Jason Busuttil li ġentilment offra l-għajnuna tiegħu.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa’** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 44/2016.

**24/09/02 F’dan l-istadju tal-laqgħa, fis-7.10pm il-Kunsillier Bjorn Azzopardi attenda għal-laqgħa.**

**24/10** **AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 ta' filgħaxija.

**Iffirmat** **iffirmat**

Rosianne Cutajar Kenneth Brincat
Sindku Segretarju Eżekuttiv

Minuti kkonfermati llum **it-Tnejn, 13 ta' Frar** 2017.